# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 56**

**Citaz. Nru. 108/99GV**

**Doc. Nru. 11-01**

**Emanuel Mercieca**

**vs**

**1. Alex u Josephine konjugi Cassar u**
**2. Dennis Baldacchino**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa sellef is-somma ta' elfejn u hames mitt liri Maltin (Lm2,500) lill-konvenuti, Alex u Josephine konjugi Cassar, ai termini ta' skrittura privata datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1997, li giet annessa u mmarkata bhala Dok. A, bil-patt li huma kellhom jaghmlu pagamenti ta' hames mitt liri Maltija (Lm500) kull sitt xhur bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) li jithallsu kull sitt xhur ukoll; u

Premess illi l-konvenuti Alex u Josephine konjugi Cassar naqsu milli jhallsu l-ewwel zewg pagamenti ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) kull wahda li skadew fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 1998, u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1998, ai termini ta' l-istess Dok. A; u

Premess illi l-konvenuti Alex u Josephine konjugi Cassar naqsu wkoll milli jhallsu l-imghaxijiet kif miftiehem fl-istess Dok. A, liema imghaxijiet jammontaw ghal mitejn liri Maltin (Lm200); u

Premess illi, ghalhekk, il-konvenuti, Alex u Josephine konjugi Cassar, huma debituri ta' l-attur fis-somma ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200); u

Premess illi, ai termini ta' l-istess Dok. A, il-konvenut l-iehor, Dennis Baldacchino, dahal garanti in solidum tal-konvenuti l-ohra, Alex u Josephine konjugi Cassar, ghall-hlas tas-somma totali mislufa lilhom; u

Premess illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu d-dejn taghhom ma' l-attur, baqghu inadempjenti; u

Premess illi l-ammont mitlub mill-attur huwa veru, likwidu u cert u fil-fehma ta' l-attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talba attrici.

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna l-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200) rappresentanti zewg pagamenti kapital fuq self ta' flus u imghaxijiet sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1998, ai termini tal-ftehim privat Dok. A;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru, 1998, u l-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dennis Baldacchino a fol 9 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfronti tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-iskrittura privata in kwistjoni hija nulla peress li l-eccipjenti la jaf jaqra u lanqas jikteb u meta ffirma huwa ffirma qua xhud tal-firma u mhux qua garanti solidali;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-iskrittura privata in kwistjoni hija nulla u bla effett fil-konfront tal-eccipjenti stante illi trattandosi ta' dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, din kellha tigi ffirmata wkoll minn mart l-eccipjenti ai termini tal-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenuti Cassar debitament notifikati ma rrispondewx (fol 13).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma sar ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200) rappresentanti zewg pagamenti, kapital fuq self ta' flus u imghaxijiet sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1998 ai termini tal-ftehim privat Dok A.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Dennis Baldacchino eccepixxa li t-talbiet fil-konfront tieghu huma infondati stante li l-iskrittura in kwistjoni hija nulla peress illi l-eccipjenti la jaf jaqra u lanqas jikteb u meta iffirma huwa ffirma qua xhud tal-firma u mhux qua garanti solidali.

Inoltre l-iskrittura hija nulla wkoll stante li trattandosi ta' dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti dina kellha tigi ffirmata mill-mara tal-eccipjenti ai termini tal-ligi.

**PROVI**

**Emanuel Mercieca** xehed u ikkonferma li l-ammont mitlub hu dovut. Dwar dak li eccepixxa l-konvenut Baldacchino qal li kellu jaghtih xi flus u kien introducielu lil Cassar. Hu ftiehem ma' Baldacchino li jsellef il-flus imsemmija fl-iskrittura lil Cassar sabiex dan ikun jista jixtri l-proprjeta minghand Baldacchino u dan ihallsu. Ghalhekk Baldacchino dahal garanti fuq l-iskrittura in kwistjoni proprju ghax il-ftehim kien illi malli jithallas minn Cassar, Baldacchino ihallas id-dejn li kellu mieghu. Lil Baldacchino kien spjegalu l-iskrittura, qrahielu u ffirmaha fil-presenza tieghu u ta' Cassar. Il-konvenut kien jaf li qed jiffirma bhala garanti u mhux bhala xhud. Dennis jaf jaqra u jikteb u kellu hanut tal-grocer.

**Il-konvenut Baldacchino** xehed li kien ha lil Cassar jissellef xi flus minghand l-attur. Hu kien jaf l-attur ghax kien issellef xi flus minghandu qabel. L-attur kien silef flus lil Cassar u hu kien qaghad bhala xhud. Il-kitba kienet inqrat u l-kondizzjonijiet kien jaf x'inhuma. Hu ma jafx jikteb u jaqra. Hu mizzewweg. Lill-attur ghad ghandu jaghtih affarijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mid-dok. A jirrizulta li l-konvenut Dennis Baldacchino kien iffirma bhala garanti in solidum mal-konvenuti Cassar ghall-hlas tas-somma totali mislufa lil Cassar. Hu kien

iffirma li *"ghal din is-somma qed jaghmel tajjeb Dennis Baldacchino fil-kaz li Alex Cassar ma jasalx".*

L-attur xehed li hu kien qara l-iskrittura lill-konvenut u spjegahielu. Dan hu accettat mill-konvenut li anke qal li kien jaf x'kienu l-kundizzjonijiet u ffirma.

Il-konvenut xehed li hu ghandu jaghti lill-attur xi flus u dana jikkonferma l-ispjegazzjoni ta' attur ghala hu dahhal lil Baldacchino bhala garanti.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni il-konvenut ma gabx prova li hu mizzewweg.

Jirrizulta li l-konvenuti l-ohra, l-konjugi Cassar, ma kkontestawx it-talba ta' l-attur u jirrizulta li l-ammont hu dovut minnhom ukoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Baldacchino, tastjieni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba u tilqa' t-tieni t-talba attrici. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn liri Maltin (Lm1,200) rappresentanti zewg pagamenti, kapital fuq self ta' flus u imghaxijiet sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1998 ai termini tal-ftehim privat Dok A. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**